# Manwel Farrugia -*Ħabbuġa*

Kitba ta' **Manuel Farrugia / Lorraine Farrugia**

Manwel Farrugia twieled fl-20 ta' Diċembru 1941 ġewwa Ħal Lija mill-ġenituri Carmelo u Lorenza née Scerri. Il-laqam *Ħabbuġa* ġej mill-fatt li missieru, Karmenu kien jippronunzja l-kelma 'żebbuġa' bħala 'ħabbuġa' u b'hekk sar il-laqam tal-familja. Il-familja *Ħabbuġa* kienet magħrufa bħala dilettanti kbar tal-piroteknika tant li kemm missieru kif ukoll ħut missieru, kollha kienu pirotekniċi magħrufa. Leli, bħal ħutu Pawlu u Joe, li miet b'diżgrazzja tan-nar fl-età ta' 44 sena fl-1987, kompla fejn ħalla missieru Karmnu u rawwam din is-sengħa lit-tfal tiegħu Sylvan u Lorraine. Leli żżewweġ lil Carmen née D'Amato miż-Żurrieq, magħrufa bħala *Ta' Maċiċa* li ġejja minn familja Karmelitana.

Leli kien iħobb ħafna lir-raħal ta' Ħal Lija u ta s-sehem tiegħu sabiex ir-raħal ta' Ħal Lija jimxi 'l quddiem u jkun aħjar milli sabu hu. Kien jilgħab il-futbol ma' *Lija Athletics* u mat-tim tal-Azzjoni Kattolika. Kien attiv ukoll fil-ħidma tiegħu b'risq il-Knisja ta' Ħal Lija fejn kien jgħin f'ħafna affarijiet lis-sagristan ta' Ħal Lija. Kien jgħin fl-armar tal-festa u membru fil-Każin tal-Banda ta' Ħal Lija. Minn età żgħira kien jitla' l-kamra tan-nar ma' missieru Karmnu, u fl-età ta' 29 sena ħa l-permess tal-Kamra fuq ismu u baqa' *licensee* għal 40 sena sħaħ. Fis-sena 1980 kien tela' ma' sħabu jikkompetu f'Monaco fejn mill-kompetituri Ewropej kienu ġew l-ewwel bħala l-aħjar nar fl-Ewropa.

Kien jistinka sabiex Ħal Lija jibqa' fil-quċċata rigward il-kalibru u l-kwalità tal-piroteknika u kien jagħmel minn kollox sabiex isem Ħal Lija jibqa' fuq quddiem nett, anke fuq livell internazzjonali. Il-kamra tan-nar ta' Ħal Lija kienet imfittxija minn bosta





f'rigward ħruq ta' nar f'avvenimenti pubbliċi bħall-*opening* tal-lukandi *Hilton, Corinthia,* il-*giochi senza frontiere* (meta sar f'Malta) u *Jum il-Ħelsien* fil-31 ta' Marzu 1979. Dan minbarra ammont kbir ta' xogħol li kien jiġi ordnat għal diversi festi f'ħafna rħula Maltin. Kien magħruf għall-ammont kbir ta' taħlit li kien iħallat, fejn kien jibda minn filgħodu kmieni.

Leli kien jaħdem il-mużajk ma' nies miż-Żurrieq u għamel ħafna xogħlijiet tal-mużajk fiż-Żurrieq. Kien iħobb ħafna wkoll il-Festa tal-Madonna tal-Karmnu tant li l-aħħar tliet snin ta' ħajtu, ġie jaħdem in-nar fil-kumpless tal-Karmnu fejn tista' tgħid kull filgħodu kien jitla' kmieni sabiex iqatta' ġurnata xogħol kif ukoll jaqsam ma' sħabu l-ġodda l-esperjenzi kbar li kellu f'ħajtu fil-piroteknika. Kien apprezza l-fatt li ġie milqugħ b'tant entużjażmu fil-post tan-nar flimkien mal-familja tiegħu u għalkemm ta' età kbira, kien jagħti s-sehem tiegħu fejn jista'.

Sfortunatament iddaħħal l-isptar fejn xorta baqa' jsus wara wliedu sabiex ikomplu bil-ħidma tagħhom. Kienet propju fil-festa tal-Madonna tal-Karmnu tal-2014 meta Leli ħareġ temporarjament mill-isptar sforz in-namur kbir li kellu sabiex jara l-murtali tal-ħruġ tal-purċissjoni u niżel għall-aħħar darba l-post tan-nar qabel il-kaxxa tal-ħruġ sabiex jittawwal ftit. Iżda f'Santa Marija ħalliena fl-età ta' 72 sena fejn ingħaqad mas-Salvatur flimkien m'Ommu Marija fis-Smewwiet. Fit-18 t'Awwissu, ingħatat l-aħħar tislima lil Leli *Ħabbuġa* fil-Knisja tas-Salvatur fejn ġie milqugħ minn ħafna ħbieb u familjari u speċjalment minn bosta dilettanti tan-nar ġenwini li marru sabiex juru l-apprezzament tagħhom għax-xogħol li għamel tul ħajtu kollha.

